24 ta' April, 1954

Imħallef :
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Luigi Borg

**Traffiku — Duħħan — Diesel Engine — "Exhaust" — Negliġenza — Reg. 167 tal-G.N.24/48 — G.N. 359/1952**

*Il-liġi ma tikkontemplax bħala reat il-fatt materjali "sic et simpliciter", tal-ħruġ ta' duħħan mill-"exhaust pipe", imma tikkolpixxi n-negliġenza li ġġib dan l-inkonvenjent, jiġifieri lill-imputat li jkun naqas milli jadopera mezzi effikaċi biex ma joħroġx duħħan. L-imputat ta' reat simili jkun ħati jekk hu jkun naqas li jipprevjeni l-ħruġ tad-duħħan fi kwantità eċċessiva; għax ċertu limiti ta' tolleranza bilfors għandu jkun hemm.*

*Fil-każ preżenti, il-Qorti ta' l-Appell, kuntrarjament għal dak li ġammet l-Ewwel Qorti, qatgħet illi l-imputat ma kienx ħati ta' negliġenza simili, u, previja revoka tas-sentenza appellata, illiberatu.*

L-imsemmi Borg ġie mressaq quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fuq l-imputazzjoni illi, bħala driver tax-char-a-banc nru. 3301, naqas li jipprevjeni l-ħruġ ta' kwantità ta' duħħan mill-"exhaust pipe" ta' l-istess vettura, bit-talba tal-Kummissarju tal-Pulizija għas-sospensjoni tal-liċenza tax-char-a-banc; u b'sentenza tagħha tad-29 ta' Ottubru, 1953, dik il-Qorti sabitu ħati u kkundannatu għall-ammenda ta' 7s.6d. u ssospendietlu l-liċenza tax-char-a-banc għal żmien tmient ijiem;

L-imputat appella minn din id-deċiżjoni;

Trattat l-appell tiegħu, din il-Qorti kkunsidrat:

Wara li ġew mismugħa xi provi mill-Qorti, irrenda ruħu ċar li l-materja nvoluta f'din il-kawża kienet ta' indoli ferm tekniku, u li kien jeħtieġ studju tal-problema nvolut minn persuna kompetenti. Għalhekk din il-Qorti kkostitwiet perizja bin-nomina, bid-digriet fol. 15, ta' l-Avukat Dr. Lorenzo Cassar, bl-inkariki fl-istess digriet indikati. Il-perit hekk nominat, f'rapport mill-aktar ċar, preċiż u elaborat, li jista' jservi bħala "locus classicus" f'din il-materja, eżamina u es-

pona "funditus" is-sistema tal-muturi "Diesel" in relazzjoni għall-problema tad-duħħan iswed, b'riferenza partikulari għall-kondizzjonijiet f'Malta, tant in ġenerali, kemm relattivament għax-char-a-banc partikulari ta' l-imputat;

Għandu jiġi notat li l-liġi ma tikkontemplax bħala reat il-fatt materjali, "sic et simpliciter", tal-ħruġ ta' duħħan mill-"exhaust pipe", imma tikkolpixxi n-negliġenza li ġġib dan l-inkonvenjent, ċjoè li l-imputat ikun naqas milli jadopera "effective means" biex ma joħrogx duħħan (ara regt. 167 (G.N. 21/18 u (G.N. 359/52). Fi kliem oħra, l-imputat ta' reat simili jkun ħati jekk huwa jkun naqas li jipprevjeni l-ħruġ ta' duħħan, s'intendi fi kwantità eċċessiva; għaliex, kif spjega l-perit, ċertu limiti ta' tolleranza bilfors għandu jkun hemm;

Issa, mill-provi deher li fil-fattispeċje l-imputat ma kienx negliġenti;

Infatti, mill-provi deher li xi ftit xhur qabel l-inċident, l-imputat kien fia x-char-a-banc in kwistjoni għand il-mechanic Giovanni Bonnici sabiex dan jagħmlilha dak kollu li kien hemm bżonn in konnessjoni mad-"Diesel". Kif osserva perspikaċement il-perit relatur, dan l-inkariku, bla ebda restrizzjoni ta' xejn fl-operat ta' l-inkarikat, kien jimporta l-inkariku li l-mechanic jagħmel dak kollu li jeħtieġ biex jissupera l-punt debboli f'din il-materja, ċjoè l-emissjoni eċċessiva tad-duħħan mill-"exhaust". Jirriżulta li fil-fatt Bonnici għamel l-"adjustments" li kien hemm bżonn, bħal ma huma s-"setting" tan-"nozzles" tal-"pumps", inkluż il-konġenju li jissejjaħ "governor". Hu ta' importanza li jiġi rilevat li l-persuna inkarikata, ċjoè Giovanni Bonnici, ma kienetx ta' esperjenza dubbja, imma mechanic tajjeb, li speċjalizza f'din il-materja ta' muturi Diesel. Wara dan ix-xogħol il-karrozza ġiet pruvata, u Bonnici aċċerta fix-xhieda tiegħu li l-kwantità ta' duħħan kienet regolari, ċjoè tollerabbli; għaliex, kif osserva l-perit in bażi għar-raġunijiet stringenti li hu ta u t-testi tekniċi minnu ċitati, dak li jissejjaħ "smokeless exhaust" huwa, almenu għal issa, fl-atteża ta' progressi ulterjuri xjentifiċi li qegħdin isiru kontinwament, "desideratum" mhux ottenibbli, partikolarment fil-kondizzjonijiet speċjali ta'

hawn Malta; fejn, mentri f'pajjiżi kbar il-makni jkunu kbar u jkollhom riżerva ta' forza għall-"overload", ma hux tant possibbli li l-makni jkunu hekk kbar, għaliex makna kbira trid "chassis" kbir, u b'chassis kbir ma jkunux transitabbli ċerti toroq f'Malta; fejn ukoll hemm ħafna tlighat, u t-tlighi ġibu "strain" u duħħan; fejn, billi t-toroq ma tantx huma wesgħin, id-duħħan ma jinċilefx; u fejn hemm aktar qlib ta' "gears" u varjazzjoni tal-"load";

Wara ftit, l-imputat reġa ħa l-karrozza għand Bonnici, u reġa taħ inkariku espress dwar il-ħruġ tad-duħħan mill-"exhaust pipe". Dan reġa għamel fiha xi "adjustments", u rriferielu li kienet tajba. Kompla jgħid l-istess xhud li ta' spiss kien jagħmillu dawn l-"adjustments", peress li l-imputat kien metikuluż kwantu għal din l-affari tad-duħħan. Hu rilieva jiġi notat li n-neċessità tar-ripetizzjoni ta' dawn l-"adjustments" ma ġietx minnabba inkompetenza jew inkurja ta' Bonnici, imma għaliex il-produzzjoni tad-duħħan fil-muturi Diesel, almenu fl-istat attwali tal-progress xjentifiku, hija f'ċerta miżura ta' tolleranza kważi inevitabbli, u tiddependi minn fatturi molteplići u varji, u xi minn daqqiet talment inaspettati li d-difett ta' "excessive smoking" jista' jiżviluppa ruħu inaspettatament u jissorprendi anki l-gwidatur li jkun qed iżomm il-mutur fi stat perfett. Il-konġenji fis-sistema Diesel huma delikatissimi — tant il-"fuel injection pump" kemm il-"governor"; u tista' tinqala' xi irregolarità fihom anki waqt il-mixi tal-vettura u mhux bi ħtija antecedenti jew konkomitanti tad-driver. L-importanti hu li l-imputat ma setax jagħmel aktar milli għamel biex ma jkunx hemm emissjoni żejda ta' duħħan. Lanqas ma kien hemm mill-parti ta' l-imputat xi tbagħbiż fil-"fuel control rod stop", bħal ma jagħmlu x'uħud biex jottjenu forza aktar fil-ġibda tal-karrozza bil-konsegwenza ta' duħħan iswed aktar minn qabel u aktar mill-miżura tollerabbli;

Għalhekk hi ġusta l-konklużjoni li l-perit korrettament irriepiloga f'dawn it-termini: "Illi l-imputat ma jidherx illi, bħala driver tax-char-a-banc 3301, naqas li jipprevjeni l-ħruġ ta' kwantità ta' duħħan mill-"exhaust pipe", anzi l-kuri metikuluża li hu kien ħa żmien qabel, u anki immedjatament

qabel il-fatt, jaru u jippruvaw l-oppost. Jidher, ghalhekk, fil-każ tieghu, li dak li ġara kien l-effett ta' forza maġġuri jew "act of God", u mhux ta' negligenza jew ħtijiet ohra ta' l-imputat";

Ghal dawn il-motivi, u ghal dawk li hemm fir-relazzjoni, li l-Qorti pjenament tadotta:

*Tiddeċidi*:

Billi tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata, tiddikjara l-imputat mhux ħati, u tordna li jiġi liberat.